VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,454, 17 ta' Lulju, 2015
Taqsima B

A.L. 227 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2015 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

Jemenda l-partita 2 fit-Taqsima Tnejn tal-Iskeda.

2. Fil-partita 2 fit-Taqsima Tnejn tal-Iskeda minflok il-kliem "essenzjali għall-provvista ta' transazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ri-assigurazzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "essenzjali għall-provvista ta' transazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ri-assigurazzjoni:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda, servizz ta' assistenza fit-triq provdut għall-abbonament fiss minn persuna taxxabbli li tintrabat li tipprovdi dik l-assistenza fil-każ li jseħħ waqfien jew aċċident kopert minn dik il-persuna, ikun meqjus bħala provvista ta' servizz eżenti ta' assigurazzjoni.".

Jemenda l-partita 11 fit-Taqsima Tnejn tal-Iskeda.

3. Il-paragrafu (1) tal-partita 11 fit-Taqsima Tnejn tal-Iskeda għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-provvista ta' kura medika minn persuna fl-eżerċizzju ta' professjoni regolata bl-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464) jew bl-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija (Kap. 471) jew b'kull Att li jissostitwihom.".